3 ta' Diċembru, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Bezzina *versus* Nutar Dr. John Spiteri Maempel et.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti — Elevazzjoni — Mara — Delitt — Danni — Art. 1366(1), 1362(1), u 1372(2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-amministrazzjoni ta' l-akkwisti konjugali tmiss lir-raġel, u dan quddiem it-terzi jista' jiddisponi minnhom daqs li kieku kienu tiegħu; u għalhekk, meta kreditur tal-mara jottjeni mandat ta' qbid kontra tagħha biex jitħallas ta' dak il-kreditu tiegħu, dak il-kreditur eżekutant huwa persuna terza fil-konfront tar-raġel, u l-oġġetti tal-komunjoni ta' l-akkwisti fil-konfront ta' dak il-kreditur għandhom jitqiesu bħala oġġetti tar-raġel.*

*Il-ħlas ta' danni ċivili kaġunati b'reat li jkun ikkommetta r-raġel volontarjament ma jidħolx fid-djun ta' l-akkwisti; u din id-dispożizzjoni hija applikabili anki għall-każ tal-mara miżżewġa.*

*Għaldaqstant, il-kreditur ta' danni ċivili kaġunati minn mara miżżewġa b'reat u volontarjament ma jistax jeżegwixxi l-kreditu tiegħu għal dawk id-danni fuq oġġetti li jidħlu fl-akkwisti konjugali.*

It-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, peress illi, b'mandat tal-qbid maħruġ minn din il-Qorti fis-27 ta' Marzu 1953 fuq talba tal-konvenut Nutar Dottor John Spiteri Maempel kontra l-konvenuta Giuseppa mart l-attur Giuseppe Bezzina u oħrajn, ġew elevati l-oġġetti ndikati fir-riferta tal-marixxal dok "A"; u peress illi l-oġġetti minn numru 1 sa numru 5 u minn numru 7 sa numru 19, kif ukoll żewġ "pot stands" mit-tlieta indikati fin-numru 6 ta' l-istess riferta, huma ta' proprjetà ta' l-attur, kif jiġi pruvat waqt il-kawża; talab li tiġi minn dina l-Qorti revokata l-eżekuzzjoni tal-mandat tal-qbid fuq imsemmi, limitatment għall-oġġetti ndikati fin-numri tar-riferta tal-marixxall fuq imsemmija, u dan għaliex jappartjenu lill-attur; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, skond ix-xhieda mhux kontraddetta ta' l-attur, l-oġ-

ġetti speċifikati fiċ-ċitazzjoni ġew minnu mixtrija fil-kors taż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta *Giuseppa Bezzina, u daħlu fil-*komunjoni ta' l-akkwisti, li kienet ġiet espressament stipulata fil-kitba taż-żwieġ li saret għand in-Nutar Paul Pellegrini Petit fil-21 ta' Novembru 1942, li kopja tagħha tinsab eżibita fol. 23 tal-proċess. Huwa veru li l-attur, fil-kawża "Debono vs. Bezzina" fuq riferita, xehed li l-gastri deskritti fin-numru 6 tar-riferta kienet ġiebithom martu d-dar wara ż-żwieġ, iżda l-pożizzjoni tibqa' inalterata; għaliex, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, il-preżunzjoni hija li dawk l-oġġetti kollha huma parti mill-akkwisti konjugali (art. 1366 (1) Kod. Ċiv.);

Illi, skond il-liġi, l-amministrazzjoni ta' l-akkwisti tmiss lir-raġel, li quddiem it-terzi jista' jiddisponi minnhom daqs li kieku kienu ħwejġu (art. 1362 (1) Kod. Ċiv.); u peress illi l-konvenut eżekutant huwa terza persuna fil-konfront ta' l-attur, l-oġġetti in kwistjoni għandhom jitqiesu bħala proprjetà ta' l-istess attur;

Illi, però, il-konvenut oppona li d-dejn li għalieħ ġie maħruġ il-mandat in kwistjoni jolqot il-komunjoni ta' l-akkwisti, għaliex sar mill-konvenuta fil-kwalità ta' sensala awtorizzata mill-attur żewġha. Dina l-allegazzjoni ma ġietx pruvata; anzi rriżulta li l-attur lanqas kien jaf li martu qatt għamlitha ta' sensala;

Illi, fi kwalunkwe każ, jirriżulta mill-kawża li għaliha saret riferenza illi l-konvenuta ppartecipat fil-qerq biex setgħu jittieħdu l-flus li jiffurmaw il-kreditu tal-konvenut eżekutant; liema qerq ammettietu l-istess konvenuta b'nota formali fil-*fol. 8 ta' dak il-proċess*; u ma hemmx dubju li dak il-qerq jammonta għal reat għall-finijiet kollha tal-liġi;

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, isir applikabili l-art. 1372(2) Kodiċi Ċivili li jiddisponi li ma jidħolx mad-djun (li jmorru fl-akkwisti) il-ħlas ta' danni ċivili li jkollu jagħti r-raġel għal reat li jkun għamel volontarjament. Veru li l-liġi tikkontempla l-każ tar-raġel; iżda, minħabba l-identità tal-prinċipju li jirregola din il-materja, il-liġi hija applikabili anki għall-każ ta' mara miżżewġa (Kollez. XXIII-II-290). Kif *jispjega maġistralment Troplong, "la moglie non può* obbligare la comunione senza l'autorizzazione del marito, che ne

è il capo. In fatto di delitti non vi ha mai società; le pene sono personali; ed il marito non è tenuto a pagare coll'attivo sociale" (Contratto di Matrimonio, Vol. II, parte I, § 919). F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XXIV, 946);

Illi, għaldaqstant, l-eċċezzjoni mhix fondata;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenuta; b'dan, però, li l-ispejjeż inkorsi mill-konvenut għandhom provviżorjament jitħallsu mill-attur.